TREVOR ŻAHRA

# IS-SEBA' TRONĠIET MEWWIJA

merlin

# 1. Iċ-Ċirku ġor-Rokna tal-Bank



Iz-zija Lonza kienet qattgħet nofs ħajjitha tgerger. In-nofs l-ieħor qattgħetu fl-irqad jew fil-ħdim tal-bizzilla. Iżda jkolli nistqarr li t-tgergir jidħol ukoll f'dan l-aħħar nofs; għax kemm waqt l-irqad kif ukoll waqt il-ħdim tal-bizzilla, iz-zija Lonza kienet tant tħares bl-ikrah u żżebbeġ għajnejha, tant kienet tross xufftejha flimkien u tqabbeż is-suf ta' fuqhom daqs xkupilja, li kienet iġġiegħlek temmen li anki fis-skiet kienet taf tgerger tgergir tal-biża'. Iċ-ċombini kienu jitwerwru minnha u jinfexxu jirtogħdu u jċekċku snienhom u jiġru jistaħbew wieħed taħt l-ieħor biex jitwarrbu mill-ħarsa waħxija tagħha. Is-swaba' matnazzi bid-dwiefer indurati b'annati kbar ta' ħmieġ, kienu jgħarrxu b'ħeffa tal-għaġeb ifittxu bla heda ċ-ċombini mwerwra, itellgħuhom fil-wiċċ biex jerġgħu jsabbtuhom sal-qiegħ, donnhom b'vendetta talli beżgħu mill-ħars tagħha. Iżda t-trajbu kien jaħbatlu agħar. Ma kellu mkien fejn jistaħba. Kien ikollu jibqa' hemm iċċassat, iħares fiss lejn dawk l-għajnejn ta' seqer u jħoss deħlin ġo qalbu l-labar, stallett wara stallett, bla ma jista' mqar jgħid *ajma*!

Iżda minn qalb it-tgergir sieket tal-ħars ikrah u x-xufftejn marsusa, minn taħt is-swaba' goffi bid-dwiefer vjola, kien qed jitwieled miraklu! Ġmiel ta' bizzilla fina, li tikber u titwal ma' kull tregħida ta' ċombin; ġmiel ta' borduri u filimenti bil-pont merfugħ u bil-moski, li jħalluk skantat u ċċassat aktar mit-trajbu nnifsu. Kont tistħajlek qed tara gorilla twelled ħaruf!

Imma ma messnix bdejt miz-zija Lonza. Wara kollox din il-ġrajja mhix dwarha, imma aktar dwar Vira u Toninu. Anzi l-ġrajja nnifisha bdiet sewwasew mal-mewt taz-zija Lonza, dakinhar li Barbanġ kien tela' jitrekken fuq il-bejt u ma ried ikellem lil ħadd ... għax Barbanġ ukoll għandu sehem kbir fil-biċċa. Imma lanqas ma rrid nintilef fuq Barbanġ. Ejja nibdew bil-galbu kif suppost jibdew l-istejjer serji u niltaqgħu ma' Vira u Toninu.

Vira kienet se tagħlaq tnax-il sena ... tnax-il sena ta' sikta u ta' ħarba mid-dinja ta' madwarha. Kienet magħluqa ġo qoxritha u maqtugħa minn kulħadd aktar minn ħuha Toninu, minkejja li hi kellha d-dawl u hu ma kellux. Fid-dar kienet taħdem u tiċċajta u titkellem ma' ħuha u ma' Barbanġ ... u anki maz-zija Lonza (meta din ma tkunx medhija fit-tortura tat-trajbu); iżda mill-għatba 'l barra Vira kienet tinfixel. Kienet donnha ssib ruħha f'dinja li ma tafhiex, fejn ma tkellem u ma tafda 'l ħadd. Minkejja li kienet twalet u bdiet titbiegħed mill-qagħda ta' tifla, kienet għadha bħal tarbija, imbeżżgħa minn dak kollu li tara bħallikieku d-dinja kienet f'konfoffa kontriha.

Moħħha lanqas ma kien tajjeb ħafna. Mill-eżamijiet kienet dejjem tgħaddi bi tkaxkira wara ħafna tqanżiħ. U dan l-aħħar weħlet minn xi tnejn ukoll. Bil-mod il-mod sabet ruħha fil-bank ta' wara ... waħidha. Għall-bidu sħabha ġieli kienu jippruvaw jersqu lejha u jdaħħluha fil-logħob

tagħhom, imma meta kienu jarawha daqshekk stramba u siekta, ma kinux jgħidulha darbtejn. 'L hawn u 'l hinn kienet issib xi tifla stramba bħalha u joqogħdu jedhew ikewsu s-solitudni mal-mistħija. Iżda dawn kienu rari u meta ssib ruħha waħidha mill-ġdid Vira kienet tħossha tieħu r-ruħ aktar.

Għax din il-ħajja ta' ħabi lil Vira kienet donnha togħġobha. Ftit li xejn kienet tgħir għal sħabha meta tarahom jiġru fil-bitħa waqt ħin ir-rikreazzjoni, jilagħbu l-ballun, jaqbżu l-lastku, jilagħbu ħarba u jġennu lill-imsejkna Rożina l-purtinara, daqqa għax jixħtulha xi ballun ġo saqajha, daqqa għax tkun se titfixkel fil-lastku u daqqa għax jgħajruha *Fekruna*, laqam li Rożina ma kinitx tista' għalih! Vira kienet tara dan kollu u tibqa' siekta. Anzi kienet bħal titħassarhom lil dawk it-tfal, għax kienet tarahom boloh u bla għaqal.

F'ħaġa waħda biss kienet tħoss għafsa ta' qalb ... meta tara li hi kienet daqshekk batuta fl-iskola. Il-pitazzi tagħha kienu purċissjoni sħiħa tal-Ġimgħa l-Kbira. Kull eżami kien ikompli jżidilha tagħbija oħra ta' mistħija. Il-qari biss kien jifdiha xi ftit. Bil-Malti kienet taf taqra mhux ħażin għax għalkemm ma kinitx tgħaġġel bħal sħabha, kienet taqra bil-galbu u bis-sens. Spiss kienet tissellef xi ktieb mil-librerija biex wara li taqrah hi toqgħod taqrah mill-ġdid lil ħuha. Iżda l-qari bl-Ingliż kien għadu għaliha bieb magħluq. Minn kull għaxar kelmiet mhux żgur kienet tifhem tlieta. Imma x'setgħet tagħmel? Moħħha ma kienx jaf jieqaf jaħseb fuq ħaġa waħda biss. Tipprova u tagħmel ħilitha kollha biex toqgħod attenta, iżda wara żewġ sekondi għajnejha jaqgħu fuq il-qasrija tal-koljus f'ħoġor it-tieqa tal-klassi u fil-pront moħħha jtir lejn il-qsari tad-dar li lbieraħ insiet issaqqihom ... għax ilbieraħ ġiet għandhom Ċensina u kompliet turiha tħit dak id-dublett. Miskina Ċensina, imnalla tkun hi għalihom ...!

U moħħha jibda jsensel ħaġa m'oħra u mill-qasrija tat-tieqa jispiċċa fit-tarf l-ieħor tad-dinja. Sadanittant il-lezzjoni tkun baqgħet għaddejja u Vira, kwieta u iżolata fil-bank ta' wara nett, ma tkun semgħet u fehmet xejn!

Ġieli kienet tiftaħ qalbha mal-bank; dak il-bank sieket li bħalha kien sab ruħu mwarrab minn sħabu. Fuqu Vira kienet toqgħod tedha tħażżeż u tikteb dak kollu li kien jgħaddi minn moħħha: ħafna kliem bla sens u l-biċċa l-kbira minnu spellut ħażin. U wara li tedha tiktbu Vira kienet tedha tħassru bil-gomma u ġieli bix-xafra; mhux biss għax ma xtaqitx li jaħtfuha talli ħammġet il-bank, imma wkoll li ma jmurx xi ħadd jintebaħ bis-sigrieti tagħha. F'din id-dinja ċkejkna u marsusa Vira kienet għexet tnax-il sena sħaħ ta' ħemda.

Id-dramm ta' ħajjitha sa mill-ewwel att beda bi fjask. Donnu tassew li kollox kien ingħaqad f'konfoffa kontriha. Meta kienet għadha kważi tarbija tilfet lil ommha u 'l missierha f'jum wieħed. Ma tafx dwarhom ħlief dak li dejjem qaltilha z-zija Lonza bejn ħarsa żorra u oħra:

"In-namra tal-kaċċa għamlithielu. U kaxkar 'l ommok miegħu. Jaħasra għalih! Kemm kont inwissih!"

Iz-zija kienet tkompli tgħidilha kif għodwa waħda, missierha kien bakkar ħareġ mal-kelb għall-kaċċa, minkejja li xejn ma kien jiflaħ; u kif wara ftit li ħareġ, l-ajru għaqad u qamet grigalata qawwija. U dwar ommha, kemm kienet inkwetat u kemm-il darba ħarġet sa tarf il-mogħdija biex tara tilmħux ġej. U meta rat li baqa' ma ġiex, xeħtet inċirata fuq rasha u telqet tfittxu. Sadanittant laħaq sebaħ sewwa u l-maltemp żied jiqliel. U meta għaddew sagħtejn u tlieta u ħadd minnhom ma ġie lura kienu ħarġu ċorma rġiel ifittxuhom. Sabu s-senter tiegħu mitluq f'tarf l-irdum u l-inċirata t'ommha mqabbda ma' kappara ... u biċċa blata daqsiex minn tarf l-irdum żvarata għall-baħar. Mill-bqija

baħħ. U la l-omm u la l-missier u lanqas il-kelb! U z-zija Lonza kienet dejjem tagħlaq il-ġrajja bl-istess tnehida:

"U ħadd ma sema' bihom aktar. Donnu l-baħħ xorobhom! Misħuta kaċċa!" U dlonk tinfexx iddeffes il-labar aktar bis-saħħa ġo qalb it-trajbu.

Malli Vira u Toninu sfaw iltiema, iz-zija Lonza ħadet post ommhom u missierhom. Iz-zija kienet toqgħod magħhom, għax peress li omm u missier Vira kienu kuġini, iz-zija Lonza kienet iz-zija tagħhom it-tnejn. U Vira u Toninu baqgħu jsejħulha *zija*, minkejja li hija kienet biss iz-zija t'ommhom u ta' missierhom. Baqgħu joqogħdu fl-istess dar, dik id-dar li bħal Vira u bħall-bank tal-iskola kienet maqtugħa għaliha waħidha u mwarrba mill-bqija tar-raħal. Fil-ħajja ta' Vira donnu kollox kien iddestinat għas-solitudni. Anki x-xjenza u t-teknoloġija kienu nsew jidħlu f'dik id-dwejra ta' tarf ir-raħal ... u baqgħu sejrin għal xogħolhom!

Fuq il-bank tal-iskola Vira ġieli pinġiet kaxxa u ġo fiha kitbet TV Ġieli ħażżet il-kelmiet *salott, kamra tal-banju* u *cooker*. Dawn kienu kelmiet li sħabha tal-klassi kienu jsemmuhom il-ħin kollu u li hi bilkemm kienet taf tiktibhom bla żbalji fuq wiċċ il-bank. Darba kienu sfurzawha biex tmur għall-festin tal-preċett tan-neputija ta' Ċensina. Kienet baqgħet iċċassata b'li rat, donnha marret xi safra f'art imbiegħda! Għamara ġdida kollha lostru jleqq, bla grif u bla pumi maqlugħin, purtieri tal-bellus, twapet, linef, statwetti, tarag tar-rħam bil-poġġaman tal-kawba, kamra tal-banju tal-ħolm, kċina tas-sħarijiet ... bilfors li ħu Ċensina kien xi prinċep! Iżda bil-mod il-mod bdiet tintebaħ li mhux biss ħu Ċensina kellu dar bħal dik, imma tliet kwarti tat-tfal tal-klassi tagħha. Kważi kulħadd ... minbarra huma.

Huma kellhom biss dwejra b'erbat ikmamar imdawra bi tlitt itmiem raba' li dari kienu jaħdmuh ommha, missierha

u z-zija Lonza, u li llum jinsab imqabbel għand ħaddieħor. Kienu erbat ikmamar li minn mindu nbnew, għexieren ta' snin ilu, baqgħu kif kienu. Ix-xjenza u t-teknoloġija, fi triqithom lejn oqsma aħjar, kien irnexxielhom biss jikkonnettjawlhom il-kurrent elettriku maċ-ċinta tal-bejt. Iżda l-miraklu bla qies tal-elettriku, fid-dwejra taz-zija Lonza ftit li xejn kellu x'jagħmel. Sagħtejn wara nżul ix-xemx kien biss jixegħlilhom ftit bozoz tal-ħamsa u għoxrin, bozoz għerja bla l-ebda globu jew brazz, li z-zija ma kinitx tixgħelhom qabel ma jkun dalam b'ruħ ommu u tkun ġa tfixklet xi darbtejn f'Barbanġ. Matul il-jum il-miraklu bla qies tal-elettriku kien jista' jitgħażżen kemm irid, jedha biss itektek dik id-daqsxejn ta' friġġ imsadda, li sittax-il sena ilu kien xtara missierhom qabel ma żżewweġ, u li b'miraklu akbar minn tal-elettriku nnifsu kienet għadha taħdem. S'hawn biss kien irnexxielu jasal is-seklu għoxrin.

Fil-kċina kien hemm biss spiritieri tal-pitrolju u purtieri tan-nugrufun. Il-borom u l-kzazel kienu donnhom parafangi ta' karozza maħbuta. Il-mejda kellha daqs nofs tużżana saffi ta' inċirata mqarqċa mwaħħlin fuq xulxin, mit-tiċrit ta' kull saff jidher l-ieħor ta' taħtu; kull saff jirrakkonta ġrajja ta' faqar, sakemm il-ġrajja tant qalbet għall-agħar li ma żdidux aktar saffi. U l-kamra tal-banju la kienet *kamra* u lanqas kellha *banju*. Kienet biss daqsxejn ta' qatgħa taħt it-taraġ tal-bitħa, fejn kellhom il-vaska tat-tojlit, sink b'vit dejjem iqattar u vit ieħor tar-ram taħt is-sink b'barmil ilma għal-lest biex jintuża flok flaxing.

Anzi kellhom magna tal-ħjata tar-riġel, sewda u goffa li xi darba kienet miksija disinji minn lewn id-deheb. Din il-magna kienet waħda mill-pjaċiri f'nofs il-ħajja muta ta' Vira. Bil-għajnuna ta' Ċensina Vira kienet qed titgħallem tagħmel pont ħjata.

"U għandek il-qagħda," kienet tgħidilha Ċensina bis-soltu lajma f'leħenha, "għax inti ma tibżax taqbad l-imqass u taqta'."

Mill-bqija darhom kienet nieqsa minn kollox. Nieqsa mill-kumdità, nieqsa mill-ġmiel, nieqsa mill-imħabba tal-omm u tal-missier … u għal Toninu kienet saħansitra nieqsa mid-dawl u mill-ilwien. Darba waħda, l-għalliema tal-iskola kienet qaltilhom li daż-żmien m'għadx hawn faqar. Qaltilhom li llum kulħadd għandu paga tajba u li fil-pajjiż hawn ħafna servizzi soċjali. Forsi l-għalliema kellha raġun tgħid hekk għax hi wkoll kellha dar bil-kamra tal-banju tal-ħolm u l-kċina tas-sħarijiet. U waqt li l-għalliema kompliet tredden Vira nfexxet titkellem mal-bank. Min jaf xi tgħid l-għalliema kieku kellha tasal wasla s'għandhom u tara dawk is-siġġijiet kollha jiżżegilgu, u s-sodda tagħha bit-testiera donnha grada ta' ġnien, bis-saqqu tal-ħaxixa u l-imħaded ibsin tas-suf?! Tgħid tibqa' ssostni li m'għadx hawn faqar li kieku kellha tara l-kikkri u l-platti tagħhom, l-imgħaref u l-frieket, donnhom kollezzjoni f'mużew medjokri tal-antikitajiet?!

Imbagħad fuq wiċċ il-bank Vira pinġiet ċirku żgħir ġo rokna; ċirku maqtugħ għalkollox mit-taħżiż l-ieħor tal-bank. L-għalliema kellha raġun. Kulħadd kien sinjur. Il-faqar kien merfugħ għalihom biss! Hi biss kienet bla omm u bla missier, tgħix ma' zija xiħa li dejjem tħares biċ-ċiera u tross xufftejha flimkien. Hi biss kellha ħuha agħma mit-twelid li kienet trid tieħu ħsiebu u tibża' għalih. Hi biss ma kinitx bħall-oħrajn. Kienet ċirku żgħir imrekken fit-tarf tal-bank. U meta ħassret it-taħżiż l-ieħor kollu, liċ-ċirku ċ-ċkejken ma barxitux. Ħallietu hemm imrekken waħdu. Daqsxejn ta' ċirku … min kien se jarah?

Iżda minkejja dan kollu, minkejja li fil-qalb ta' qalbha

kienet tixtieq li xi darba jkollha dar ta' prinċipessa (bi xkaffa kollha statwetti jleqqu bħal ta' ħu Ċensina) Vira ma kinitx taf x'inhu swied ta' qalb. Kienet siekta. Kienet tgħaddi minn mumenti qosra ta' wġigħ. Kienet tixtieq ħafna u toħlom bla hedu. Imma ma kinitx imnikkta. Kienet donnha jum t'April ... la jaħarqek bix-xemx u lanqas ireżżħek bil-bard. Kienet tgħix mgħawma f'dak is-sens ta' paċi u kalma li jsib kull min jaf li jista' jkun aħjar, iżda jaċċetta bla qrusa l-ftit li għandu.

Bil-mod il-mod bdiet issib gost stramb kull meta tiftakar li hi ma kinitx bħall-oħrajn. Kollox sew ... kienu fqar. Kienet bla omm u bla missier. Kienu għadhom qed jgħixu fis-seklu l-ieħor. Kollu minnu. Imma tal-anqas ma kinitx komuni ... hekk ... bħall-massa. Ma kinitx nofs ġenn bi lsienha dejjem itaqtaq u ħsiebha fl-inbix u l-ħmerijiet. U meta l-għalliema tixli lit-tfal li qed jaħlu wisq ħin quddiem it-televixin, hi kienet tgħolli rasha 'l fuq u tħossha mkabbra. Żgur mhux għaliha qed tgħid! U minn quddiem id-dar tagħhom, minbarra l-vann immankat ta' Spiru r-Raqdi, ma kinux jgħaddu wisq karozzi jirrejżjaw u jimlewlhom kullimkien bid-dħaħen. U sħabha lanqas ma kellhom ix-xorti jaraw dik ix-xena tal-ħolm meta ta' kull filgħodu tqum qabel tlugħ ix-xemx biex tilħaq tlesti l-kafè u l-ħobż għaliha u għal Toninu. Ma kinux jafu kif ikun il-baħar ileqq fis-sikta u l-kalma ta' min jixtieq bla ma jgħir.

U kellha biex tifraħ ukoll. Kellha l-qsari tal-felċi, tal-galletti u ċ-ċiklami taħt it-taraġ tal-bitħa. Kellha lil Barbanġ li kienet togħxa tfissdu sa ma ttellagħlu n-nervi u jigrifha xi żewġ girfiet. U fuq kollox kellha lil ħuha Toninu, żagħżugħ ta' ħmistax-il sena, twil u mġissem, iżda b'qalb tad-deheb; agħma minn twelidu, imma jifhem u josserva daqslikieku kellu seba' għajnejn. Kienet tfissdu u tiffittah aktar minn Barbanġ. U Toninu, twajjeb u moħħu jilħaqlu

daqs xiħ ta' tmenin, kien dejjem jitbissem, jidħaq u jiċċajta.

Toninu kien il-bidu u t-tmiem ta' ħajjitha. X'tambiha kamra tal-banju tal-ħolm?

••••

Meta għebu ommu u missieru, Toninu kien se jagħlaq is-sitt snin. Lil Vira kien iħobb jgħidilha:

"Il-pa kellu leħnu qawwi, sabiħ u kważi jirbombja. U kien jitkellem bil-lajma u jkarkar l-aħħar biċċa tal-kelma: *Fejn hu Toninu, Mariii*? Hekk kien jitkellem. U kien twil twil twil. Meta kien jgħollini ma kontx nibża' għax idejh kienu kbar u goffi u kien iżommni sod ..."

Imbagħad Toninu kien jaqbad id oħtu, iressaqha lejn imnifsejh u jkompli jgħidilha:

"U l-mamà Vir, il-mamà kienet ħelwa bħalek. Kellha l-istess riħa bħal tiegħek. Iva ... preċiż l-istess riħa ..."

U Toninu kien jieqaf mill-kliem u joqgħod idawwar id Vira madwar imnifsejh u jxammem u jitbissem.

"L-istess riħa, Vir. U xagħarha goff u mfelfel. Aktar goff minn tiegħek. U meta timxi kienet taqbeż u triegħed l-art. Kellha dublett iħaxwex u meta tilbsu kont ninduna. Idejha kienu dejjem jagħlu. Fix-xitwa kienet iżżommli jdejja marsusin f'tagħha u toqgħod tħokkhomli u tgħidli: *U jaħasra jdejh kif inhuma biċċa silġ. Mela mort tagħmel il-ħasla?* U wara ftit idejja kienu jibdew jagħlu bħal tagħha!"

Imbagħad Toninu jiskot għal ftit u waqt li jinfexx ikanta minn taħt l-ilsien it-taqbila li kienet tgħannilu ommu, Vira kienet titbissem u tiskanta kif dan ħuha, imwieled bla dwal, kien jaf dan kollu dwar ommha u missierha waqt li hi ma kienet taf xejn!

Toninu kien ilu jmur l-iskola tal-għomja sa minn

ċkunitu. Kien tifel fuq tiegħu u ġa kien ġab ruħu sew. L-għalliema kienu jiskantaw bl-intelliġenza tiegħu. Kien ġa tgħallem jaqra l-braille b'ħeffa kbira u kienu tawh magna ċkejkna biex iżommha d-dar u biha jkun jista' jikteb kulma jrid. Ċensina kienet xtratlu arloġġ bil-braille u kien tgħallem jaqrah f'qasir żmien. Kien jaf jitkellem fuq kollox. Dejjem jisma' r-radju u jkun jaf b'kull terremot li jsir fil-Ġappun, b'kull protesta tal-istudenti Universitarji. Kien jogħxa jisma' l-qari tar-rumanzi u d-diski. Jaf jgħidlek liema hu l-aħħar album ta' Elton John u liema hi d-diska li damet l-aktar fil-klassifika. U kull min jarah jiġri bil-ħeffa minn kamra għal oħra, jimla l-ilma mill-bir u jgħin 'l oħtu ssaqqi l-qsari, ma kien qatt jasal jemmen li dak iż-żagħżugħ ferrieħi ma kienx jaf x'inhu dawl.

Imma l-aktar ħaġa tal-għaġeb kien Barbanġ. Sa minn mindu ġabithulhom Ċensina, għadu bilkemm fetaħ għajnejh, Barbanġ wera li se jkun bużżieqa u fonqla aktar miz-zija Lonza. Jekk imqar tmisslu denbu waqt li jkun jixrob il-ħalib arah idur jigirfek, u jekk tmisshulu t-tieni darba kien iwarrab u ma jixrob xejn.

"Puh għalik!" kienet qaltlu z-zija Lonza l-ewwel darba li ratu jagħmel ħaġa bħal din. "Qisek il-Barba Anġlu ... x'int duttur! Eżatt bħalek kien jagħmel, Alla jaħfirlu!"

U minn dakinhar 'l hawn baqgħu jsejħulu Barbanġ. Imma dakinhar kienet ġrat ukoll biċċa oħra. Waqt li Barbanġ kien sejjer igemgem ġo rokna, u waqt li z-zija kienet qed tgħaddilu l-wirt kollu tal-Barba Anġlu, Toninu kien infexx jidħaq u dar jgħidilha:

"Smajtu x'qallek il-qattus, zi? Qallek: *Kieku l-ġemel jara ħotobtu, kieku jaqa' u jmut soptu*!"

Vira kienet għoxiet bid-daħq, iżda z-zija Lonza qajmet sufha kollu xewk xewk u b'ħanqa f'leħinha qaltlu:

"Din mnejn smajtha? Min qalhielek?"

"Il-qattus, zi. Ara, ara ... qed jidħaq bija talli għidthielek!"

"Ngħidlek jien min qalha! Qed issir ardit, dak li naf ngħid! Ma nafx x'qed jgħallmukom daż-żmien. Ksuħat u dardir. Mur ġibni kont ngħid hekk lil ommi! Kienet ittini daqqa ta' ħarta u tisfigurali wiċċi!"

Toninu reġa' nfexx jidħaq:

"Zi, qallek il-qattus, bilfors li xi darba tathielek did-daqqa ta' ħarta!"

Dan kien iżżejjed! Iz-zija refgħet l-ixkupa għalih u li kieku Barbanġ ma ġeriex daħal f'saqajha u kien għoddu xeħitha fl-art, il-biċċa kienet tiġi bi kbira. Iz-zija laqtet b'riġilha l-landa tal-bir. Barbanġ sar għasra u minn dakinhar 'l hawn baqa' jitwerwer mill-ilma. Huwa u z-zija Lonza ffirmaw dikjarazzjoni ta' gwerra bierda.

Iżda mid-dehra, il-kuntatt bejn Toninu u Barbanġ ma kienx xi ħaġa taċ-ċajt. Għall-ewwel Vira kienet tieħdu biż-żuffjett.

"U ejja Ton, ħallik miċ-ċajt," kienet qaltlu. "Mela l-qtates jitkellmu?!"

"Imma l-għaliex ma tridux temmnuni?" weġibha Toninu. "Ikellimni hawnhekk ara ... ġo moħħi. Ma nisimgħux kif nisma' lilek, imma xorta nkun naf x'qed jgħidli. Ara Vir, bħalissa jaf li qed insemmuh. Taf x'qalli? Qalli: *Għid lil Vira tiġi tarani rieqed ħdejn il-bir*! Mur ara jekk hux qiegħed hemmhekk."

Vira ħarġet tiġri fil-bitħa u oħroġ il-għaġeb, hemm kien Barbanġ, kobba taħt il-ħerża tal-bir. U malli ħassha tersaq lejh, għolla kemxejn rasu u għammex għajnejh.

"Qed tara Vir," kompla Toninu malli ġiet lura ħdejh miblugħa, "u ara ... minn hawn u ftit ieħor ġej ġo ħoġri!"

U hekk kien. Minuta wara Barbanġ ta qabża u tela' jħokk

rasu ma' geddumu. Minn dakinhar 'l hawn Vira ma baqgħetx tidħaq bih. Toninu kien jgħidilha li hu u Barbanġ jagħmlu ħin twil jitkellmu. Barbanġ kien jgħidlu dwar il-bejtiet tal-għasafar li hemm fir-rewwieħa tal-kamra ta' fuq u dwar il-ġurdien li xamm wara l-qsari tal-bitħa. U mhux l-ewwel darba li fix-xitwa, Toninu kien iqum f'nofs ta' lejl u jgħid lil oħtu:

"Vir, insejna lil Barbanġ fil-bitħa. Qed iħoss il-bard, miskin. Mur iftaħlu għax mhux qed iħallini norqod."

U Vira jkollha tinżel isfel u hemm issib lil Barbanġ wieqaf dritt dritt wara l-bieb tal-bitħa. U malli tiftaħlu mank biss jgħidilha grazzi! Kien jibqa' sejjer irrankat lejn is-sodda ta' Toninu u jitla' jitgeddes ħdejn saqajh.

"Dażgur li qallek grazzi, Vir," kien jgħidilha Toninu bid-daħqa, "imma inti ma fhimtux. Hux tassew, Barbanġ? Qed tara Vir, Barbanġ lil kulħadd jipprova jkellem u hu lil kulħadd jifhem. Imma lilu nifhmu jien biss. Xi tgħid Barbanġ? Ħeqq ... hemm hu, ġa raqad!"

L-aktar żewġ ħwejjeġ għal qalb Toninu kienu l-istejjer u l-passiġġati. Xemx u xita, bard u mhux, malli l-vann kien iwasslu lura mill-iskola u jieħu dik il-kikkra te, Toninu kien jistenna fuq ix-xwiek lil Vira tasal lura d-dar biex flimkien imorru żewġ passi qalb l-għelieqi ta' madwarhom. Darba meta Vira kienet għamlet tlitt ijiem bid-deni, Toninu kien sewwed qalbu tgħidx kemm. Dawk il-passejn qalb ir-raba' kienu jinżlulu għasel.

"Tridx nieħdok jien?" kien qallu Barbanġ. "Mela jien ma nafx nieħu ħsiebek daqs Vira?"

Iz-zija Lonza kienet bdiet issabbat it-trajbu.

"Ngħidlek fejn tmur! Mela ħsibtni xbajt minnek? L-aktar b'dak in-nofs ras ta' Spiru r-Raqdi li l-ħin kollu dieħel u ħiereġ bil-vann!"

Imma Toninu kien rasu iebsa u Barbanġ kompla jxewwex minn taħt. Qabad il-bieb u telaq. Iz-zija Lonza bdiet iddur mad-dar u tagħti fuq wiċċha! U meta rat li għaddiet kważi siegħa sħiħa u baqa' ma ġiex lura riedet tmur għand Ċensina biex jibagħtu lil xi ħadd ifittxu. F'moħħha reġgħet feġġet id-dehra ta' grigalata qawwija u biċċa blat daqs dinja żvarata f'tarf l-irdum. Imma ħabta u sabta Toninu ġie lura frisk bħal ħassa, jirrakkonta salt ħmerijiet dwar kemm daħqu bi Spiru hu u Barbanġ, għax il-vann tiegħu ma riedx jistartja.

L-għada filgħodu xi erba' ġirien ġew għand iz-zija Lonza, kollha jwissuha biex ma tħallix lil Toninu joħroġ waħdu ... iżda fl-istess ħin kollha baqgħu skantati bih, għaddej jimxi jħaffef u jsellem lil kull min jgħaddi qisu mhux hu. U mar ukoll Spiru r-Raqdi, irodd is-slaleb u jħokk il-qargħa.

"Of li dok it-tifil għeġġibni, Lunz! Qelli: *Bunswa Spejr*, kien għodu kantuniere 'l bogħod. Jien kont miedhi ma' dok id-dimonċ ta' vann. Għidtlu: *Bunswa* u bqejt indawwar is-sefstater. Qelli: *Xi nqele' Spejr*? U jien għidtlu: *Dud-dimonċ ma jredx juf*! Imbugħud xengel tnejn rusu u bede jidħeq. Qelli: *Għandu pitlor, Spejr*? 'Eqq l-iskumnikuti ... xteqt l-art tiblogħni! Ofx li killu raġiwn!"

Il-passiġġati ta' Toninu u Barbanġ saru ħaġa ta' kuljum. Anzi meta kienet tmur magħhom Vira, Barbanġ kien idendel il-geddum, għax Toninu kien aktar jedha jitkellem magħha milli miegħu.

"Dażgur, għaż-żejjed u għan-nieqes jien, tarax!" kien jibda jgerger Barbanġ. "Issa toqgħod tgħidlek dwar id-dublett li qed tħit u dwar it-tfal tal-klassi u jien qisni ma neżistix!"

"U isa Barbanġ ... se tgħir għal Vira wkoll?" kien jinfexx jidħaq Toninu.

"Iss ... għandi għal xiex ngħir!" arah jgħolli mnieħru

Barbanġ. “Daqsi taf tiġri fuq iċ-ċnut!”

Iżda l-geddum ta’ Barbanġ ma kienx jiġbed fit-tul. Kien jaf li mill-bnedmin kollha Toninu biss kien jifhmu. It-tnejn kienu bżonn xulxin.

Il-passiġġati kienu sbieħ. Ir-radju sabiħ ukoll. Il-qari tar-rumanzi kien interessanti. Imma x’aktarx ma kien hemm xejn isbaħ mill-istejjer li kienet tirrakkontalhom Ċensina. Kellha ħabta tirrakkonta bil-lajma u kollox bl-ordni, ħaġa wara l-oħra. Kellha sabar ta’ Ġobb u tieqaf tispjega kull dettall. Toninu kien ikun fis-seba’ sema jismagħha.

U fost l-istejjer kollha li kienet tgħidilhom żgur li ma kien hemm l-ebda waħda aktar għal qalbu minn dik tas-*Seba’ Tronġiet Mewwija*!

# 2. Il-Mogħdija Msaħħra



Ċensina kienet ġejja u sejra għandhom. Lit-tfal kienet tħobbhom daqslikieku kienu wliedha, l-aktar lil Toninu li kienet tant tiggustah tarah daqshekk fuq ruħu u ferrieħ, minkejja li qatt ma kien ra xejn mid-dinja. Anki Barbanġ kellu grazzja magħha, avolja kien jaf li d-dar kellha kelba tal-but b'għajnejha mqabbżin 'il barra. Ċensina kienet baqgħet xebba, iddur b'ommha marida. Din ommha kienet mara stramba u bużżieqa aktar miz-zija Lonza. Kienet xiħa għakka, truxa u ġġamjata bl-artrite u l-ħin kollu tgħajjat lil Ċensina, issa għal ħaġa u issa għal oħra … "Ċensina, il-kafè lest? Ċensina l-ħalib wasal? Ċensina l-brodu ttawwaltlu?"

Iżda Ċensina kienet tħalliha tgħid u ma tagħtix kasha għax dratha li bilkemm tkun taf *x*'inhi tgħid, u waqt li tistaqsiha għall-kafè *x*'aktarx ikollha l-iskutella mimlija quddiemha.

Ċensina u ommha kienu joqogħdu ġo dar antika, l-eqreb dar lejn dik ta' Vira u Toninu wara li timxi l-mogħdija kollha u tikser mal-lemin. Kienet dar ċkejkna u mkittfa, iżda minkejja li ma kellhiex turġien ta' rħam bħal dik ta' ħuha,

kienet miżmuma wisq aħjar minn dik taz-zija Lonza.

Ċensina kienet qisha farfett, tagħmel il-faċendi kollha tad-dar, tħit għan-nies, issajjar, tixtri u taqdi u lsienha dejjem sejjer. Kull meta Vira u Toninu jkollhom bżonn jixtru xi ħaġa tal-ħwejjeġ, xi żarbun ġdid għal Vira jew xi qmis għal Toninu, dejjem Ċensina kienet tkun li taqdihom, imqar jekk ikollha bżonn tixtrihomlhom mill-Belt. U mnalla kienet hi għax iz-zija Lonza kienet iġġib id-dinja fix-xifer biex toħroġ taqdi qadja, u lil Vira ma kinitx tafdaha f'ħaġa bħal din. Iżda x-xiri tal-ħwejjeġ kien okkażjoni rari, għax il-flus kienu skarsi u l-ebda żarbun ġdid ma kien jinxtara qabel ma Menu l-iskarpan jitlagħlu San Filep u jirrifjuta li jsewwi aktar fiż-żarbun il-qadim.

Kienu jgħixu biss mill-bizzilla taz-zija Lonza, mill-flus li jagħtihom il-Gvern u mix-xi ħaġa żgħira li kienu ħallew missierhom u ommhom. Mhux ta' b'xejn li z-zija Lonza kienet iżżomm idha u ddum għomor tikkontja u tikkalkula qabel ma tħalli nofs lira taħarbilha.

Ċensina ġieli daħħlet idha fil-but u għenithom kif setgħet, bħal meta xtrat l-arloġġ lil Toninu u l-basket tal-iskola lil Vira. U meta jasal il-Milied Ċensina kienet tagħtihom ir-rigal waħdieni li kienu jaqilgħu. Mhux ta' b'xejn li t-tfal kienu jqisuha bħala waħda ta' ġewwa u magħha Vira kienet tħoll ilsienha u ġġib ruħha qisha mhix hi!

Kien darba waħda tul lejla sajfija li Vira u Toninu semgħu mingħandha l-ħrafa tas-*Seba' Tronġiet Mewwija*. Kienu marru żewġ passi bħas-soltu u huma u ġejjin lura kienu għaddew s'għand Ċensina. Barbanġ kien baqa' jistenniehom barra minħabba dik il-kelba tal-but, bilkemm fiha daqs fenek tal-indi, imma b'arja u bi pretensjonijiet ta' ljun. Omm Ċensina kienet ġa raqdet, għax dik kienet bħat-tiġieġ, malli tinżel ix-xemx tfittex is-sodda u mal-ewwel dawl tat-tbexbix

tibda tgħajjat għall-kafè.

"Mela darba kien hemm sultan," kienet bdiet il-ħrafa Ċensina, "li tfal ma kellux u għalhekk għamel wegħda li jekk ikollu iben jibni għajn taż-żejt biex in-nies tkun tista' tieħu ż-żejt b'xejn. Is-sema bagħatlu sabi u s-sultan żamm kelmtu."

"X'inhu sabi, Ċens?" ried jaf Toninu.

"Sabi tfisser tifel," weġbitu fil-pront. Ċensina kienet tħobb tħawwar il-ħrejjef tagħha bi kliem antik, imqar jekk mhux dejjem tkun taf sewwasew xi jfisser. Kien jidhrilha li ħrafa qadima jixirqilha tingħad bi kliem qadim, xi drabi kemxejn mgħawweġ bħalma kien jitkellem Spiru r-Raqdi.

"L-għajn taż-żejt bnieha quddiem il-palazz tiegħu," kompliet Ċensina. "Din l-għajn damet is-snin tferra' ż-żejt, iżda sa ma t-tifel kiber u tfarfar, l-għajn bdiet tnaqqas sakemm iż-żejt beda jinżel qatra qatra. Għodwa waħda resqet lejha mara xiħa li bdiet tlaqqat iż-żejt ġo qoxra ta' bajda u meta din timtela, tixħtu ġo ġarra.

"Bin is-sultan kien qiegħed jara kollox minn wara t-tieqa tal-palazz. Beda jidħaq kemm jiflaħ u biex jgħaddi ż-żmien qabad żrara, waddabha lejn ix-xiħa u farrkilha l-qoxra tal-bajda. Ix-xiħa ħarset 'l hawn u 'l hinn imma ma rat lil ħadd. Bin is-sultan żied jidħaq u jogħxa. Qabad żrara oħra, waddabhielha u did-darba laqat il-ġarra. Imma issa x-xiħa ħarset fil-pront u lemħitu."

U hawn Ċensina bidlet leħinha u għamlitu oħxon bħal taz-zija Lonza:

"'Offi għalik!' qaltlu x-xiħa. 'Huwa int?! Nirrak tiżżewweġ is-Seba' Tronġiet Mewwija!'"

Iżda hawn Ċensina kellha terġa' tieqaf mill-ġrajja tagħha għax Toninu kollox ried ikun jaf. Riedha tgħidlu xi tfisser *Offi għalik* u xi jkun *tronġiet* u x'jiġifieri *mewwija*. Imma

Ċensina xejn ma kienet tiddejjaq b'mistoqsijiet bħal dawn; anzi kienet tħoss ruħha importanti, donnha għajn tal-għerf li l-istess bħall-għajn taż-żejt kulħadd seta' jieħu minnha kemm irid.

"Tronġa tkun qisha larinġa kbira ħafna, imma bil-qoxra ftit aktar lixxa," weġbitu. "Tkun bejn qarsa u bejn morra. Hawn min jikolha biz-zokkor."

"Iva, għandu jkun bl-Ingliż jgħidulha grapefruit," qabżet Vira ferħana li rnexxielha tiftakar xi ħaġa mill-aħħar bank tal-klassi.

"Jista' jkun," żiedet Ċensina li għall-iskola xejn ma kienet aħjar minn Vira. Iżda meta ġiet biex tfisser il-kelma *mewwija* Ċensina kellha ddur lejn l-għerf imbiegħed ta' razzitha.

"Nannti kienet tgħid li *mewwija* tfisser *mgħammra*, *mimlija*, għax kif se taraw it-tronġiet kienu mimlijin b'xi ħaġa. Imma jien naħseb li *mewwija* tista' tfisser ukoll *imsaħħra*!" Ċensina kienet tħoss li wara li min jaf kemm-il darba kienet irrakkontat dil-ħrafa, kienet saret awtorità u kellha kull jedd iżżid ukoll l-interpretazzjonijiet tagħha.

Imbagħad kompliet tgħidilhom dwar kif bin is-sultan iffissa fuq dawn l-imberkin seba' tronġiet u minkejja l-biki ta' missieru u t'ommu (għax f'ħaġa bħal din is-slaten jibku wkoll) qabad il-bieb u telaq biex ifittixhom.

"U imxi u ġib 'il min jimxi," bdiet tredden Ċensina waqt li tagħti fuq ħoġorha bil-pali ta' jdejha, bħallikieku hi wkoll kienet mgħollija għar-ras iebsa ta' bin is-sultan, "sa fl-aħħar it-tifel iltaqa' ma' raġel xiħ.

"Is-sliem għalik," qallu bin is-sultan.

"Is-sliem għalik, ibni," wieġbu l-ieħor, "li kieku m'għidtlix *is-sliem għalik*, kont nibilgħek belgħa u nġerrgħek ġergħa!"

U mill-ġdid Ċensina kellha tieqaf tfiehem lil Toninu li *nġerrgħek ġergħa* kienet tfisser *nibilgħek u nixorbok*; dejjem

skont l-għerf bla tarf ta' nannitha.

Barbanġ, mimdud minn tulu fuq l-għatba tal-bieb ta' barra kien qed jieħu gost isegwi l-istorja kollha. Imma dak il-kliem tax-xiħ xejn ma daqqlu.

"Ħelwin dal-bnedmin," beda jaħseb u jzekzek, "anki meta tagħmel ħaġa tajba joqogħdu jfakkruk x'kastig kien hemm lest għalik li kieku m'għamilthiex!"

Ċensina baqgħet tirrakkonta. Issa kienet waslet fil-biċċa ta' meta bin is-sultan, wara li ltaqa' ma' aktar xjuħ li kollha kienu jibagħtuh għand xiħ ieħor: " ... ixjeħ minni ... egħref minni u li jaf jgħidlek aktar minni," sa fl-aħħar irnexxielu jasal għand l-ixjeħ u l-egħref wieħed li tah it-tagħrif kollu meħtieġ biex isib is-seba' tronġiet.

U waqt li Ċensina kienet għadha bilkemm temmet kliem ix-xiħ, instemgħet xiħa oħra tgħajjat:

"Ċensina, il-brodu ttawwaltlu?"

"Tagħtux kasha," qaltilhom Ċensina minn taħt l-ilsien donnha nsiet għal waqt wieħed li ommha kienet truxa, "dik tkun qed toħlom."

U bla ma tilfet il-fil tal-ġrajja Ċensina kompliet tfehemhom kif it-tfajjel iltaqa' ma' għajn tal-ilma qiegħed u qalilha: "Is-sliem għalik ja għajn tal-ilma ħelu, li ma kontx mgħaġġel kont nieqaf nixrob xarba minnek!" Lis-siġra tad-dubbien sellmilha wkoll u sejħilha *siġra tal-passolina*. Lill-ħmar u lill-kelb, li kienu qed jippruvaw jieklu ikel li mhux tagħhom, waqaf jibdilhulhom: lill-ħmar tah it-tiben u lill-kelb tah l-għadam. U fl-aħħar iltaqa' mal-ilsira s-sewda li kienet qed tiknes il-forn b'xuxitha. Lil din ukoll sellmilha, sejħilha *xebba sabiħa* u taha biċċa mill-mant tiegħu biex ma tgħarraqx aktar xagħarha.

"Ja impostur li hu!" reġa' beda jzekzek Barbanġ minn fuq l-għatba, "nista' nobsor x'inhu ġej. Qed jinċensahom kemm

jiflaħ biex meta jiġi bżonnhom isibhom; eżatt kif jagħmlu l-bnedmin! U tassew li dak il-ħmar kien *ħmar* biex ma kienx jaf itawwal ftit għonqu u jiekol it-tiben! Kien hemm bżonn jistenna li jasal bin sultan minn mil bogħod? Dwar il-kelb ma niskanta b'xejn għax il-klieb kollha stupidi!"

"It-tfajjel għamel kollox kif qallu x-xiħ," żiedet tgħid u titbandal Ċensina, "sab il-bieb b'żewġ iljuni fuq kull naħa u billi rahom b'għajnejhom miftuħin resaq lejn il-bieb u beda jħabbat. Ġiet tiftaħlu xebba li malli l-prinċep għarrafha li kien ġie għas-Seba' Tronġiet Mewwija, kienet pronta weġbitu:

'Stennieni hawnhekk ħalli mmur inġibhomlok.'

"Iżda l-prinċep kien jaf li dik kienet daħlet 'il ġewwa biex issinn snienha. Għalhekk ħataf is-Seba' Tronġiet minn fuq l-ixkaffa tal-bieb u ħarab bihom."

U hawnhekk Barbanġ aktar tmattar bil-qalb u tbissem, għax dak kollu li kien bassar hu beda jseħħ. Ix-xbejba, mitlufa minn sensiha wara s-serqa tat-Tronġiet, bdiet issejjaħ lil kulħadd biex jgħinha: lill-iljuni, lill-ilsira s-sewda, lill-kelb u lill-ħmar, lis-siġra tad-dubbien u lill-għajn tal-ilma qiegħed, imma ħadd minn dawn ma ried joħodha kontra dak it-tfajjel grazzjuż li kien jaf jidlek bix-xaħam biex ikun jista' jvara."

Toninu u Vira kienu t-tnejn b'widnejhom imwaqqfin aktar minn tal-ħmar. Issa bin is-sultan kien 'il bogħod mill-għawġ u seta' jieqaf taħt siġra u jaqsam waħda mis-seba' Tronġiet biex jara x'se jsib. U hawnhekk Ċensina, minbarra li tirrakkonta, bdiet ukoll tirreċta. Qamet bilwieqfa, ħarġet sikkina inviżibbli minn ħżiemha u qasmet Tronġa. B'dak l-istess leħen taz-zija Lonza Ċensina kompliet tgħid:

"Iżda malli l-prinċep qasam it-Tronġa ħarġet minn ġo fiha xbejba ta' ġmiel liema bħalu, li minnufih qaltlu: 'Għatx, għatx! Ġuħ, ġuħ!' U waqgħet fl-art u mietet. Il-prinċep baqa'

skantat. Qasam oħra u ġara l-istess. U reġa' qasam oħra u oħra u oħra ... u dejjem toħroġ xbejba isbaħ minn ta' qabilha u kull darba tgħidlu: 'Għatx, għatx! Ġuħ, ġuħ!' U taqa' mejta!"

Ċensina waqfet tħokk rasha, tħares madwarha lejn tużżana nofsijiet ta' Tronġ maqsum mal-art u żżomm f'idha l-aħħar Tronġa għażiża. Dnub li Toninu ma setax jaraha!

"Il-prinċep issa ħass qalbu maqsuma. 'Ma rridx li nitlef anki l-aħħar waħda,' beda jgħid f'qalbu. 'Naf x'nagħmel ... immur inġibilha x'tiekol u x'tixrob biex ma tmutlix!'"

Barbanġ ma felaħx jisma' aktar. Qam minn fuq l-għatba u ta qabża għal ġo ħoġor it-tieqa.

"Stupidi! Ma jifilħux ikunu aktar stupidi!" beda jgorr u jikkritika huwa u jilgħaq pilu. "Imma allura kellu għalfejn jistenna sa ma jibqagħlu biss l-aħħar waħda? Mal-ewwel waħda jew tnejn li qasam ma setax jobsor x'se jiġri? Ma setax ħasibha qabel dik li jmur jixtri l-ikel u x-xorb? Dan xi prinċep kien? Kellu għalfejn jaħli sitt Tronġiet biex idaħħal ftit tas-sens ġo moħħu?!"

Iżda mbagħad Barbanġ waqaf mill-ħasil u reġa' qabeż għal fuq il-għatba. Ħsieb ġdid għaddielu minn moħħu: il-prinċep seta' kien stupidu ... tabilħaqq, imma min ivvinta din il-ħrafa żgur ma kienx ħmar sa barra. Għax x'kien jagħmel dak il-povru prinċep li kieku salva ħamsa jew sitta minn dawk ix-xbejbiet sbieħ? Jiżżewwiġhom kollha? X'waħda din x'biċċa wġigħ ta' ras! Af li kultant, ftit tal-istupidaġni taf tiswielek ta' ġid. U ddeċieda li jkompli jismagħha.

Meta Ċensina qaltilhom li bis-saħħa tal-ikel u x-xorb li ġab, il-prinċep irnexxielu jsalva l-aħħar tfajla tat-Tronġa, Vira u Toninu ħadu r-ruħ, għax dehrilhom li kienu tassew iġibulek ħasra dawk is-sitt tfajliet munzell mejta fuq xulxin. U meta Toninu staqsieha jekk il-prinċep qagħadx jidfinhom waħda, waħda, Ċensina kkonfondiet x'se taqbad twieġbu u

qaltlu li x'aktarx malli jmutu kienu jisparixxu. U Toninu serraħ rasu. Iżda hawn tfaċċat problema oħra: ix-xbejba ma kellha l-ebda lbies, minbarra x-xagħar twil twil li kien jgħattiha u għalhekk il-prinċep ħtieġlu jħalliha tistennieh sakemm imur iġibilha x'tilbes. U Barbanġ reġa' kkonferma l-injoranza ta' dak il-prinċep ta' sold u nofs, li wara li ra sitt tfajliet imutu qishom dubbien, waħda fuq l-oħra, kien għadu ma ntebaħx li ma kellhomx x'jilbsu.

"U bin is-sultan ġiegħel lix-xbejba titla' fuq siġra u qalilha: 'Stennieni hawn sa ma mmur inġiblek libsa sabiħa!' U t-tfajla semgħet minnu."

L-istorja ta' Ċensina issa waslet f'biċċa kemxejn konfuża. Taħt is-siġra nzerta kien hemm għadira tal-ilma li minnha ġiet timla waħda xbejba Torka kerha ħsara. Din ħarset ġol-ilma u minnufih lemħet wiċċ it-tfajla moħbija ġos-siġra. U din, peress li kienet stupida aktar mill-prinċep, ħasbet li qed tara wiċċha stess u tgħidx kemm ferħet u bdiet ittenni: "Ara kemm jien sabiħa! Mela l-għaliex in-nies jgħiduli kerha?" Għal dan il-kliem ix-xbejba tas-siġra nfexxet tidħaq u d-daħqa tagħha kixfitha. Meta t-Torka ntebħet bil-biċċa, riedet titħallas minnha talli kienet isbaħ minnha; aktar u aktar meta saret taf li din kienet se tiżżewweġ lil bin is-sultan.

"Ħa nitla' ħdejk ħa nomxotlok xagħrek," qaltilha. U hekk għamlet, iżda flok maxtitilha xuxitha deffsitilha splengun ġo rasha u bidlitha f'ħamiema. U hekk beda l-inkwiet ta' bin is-sultan! Imsejken tfajjel kif instamat meta ġie lura u bilqiegħda taħt is-siġra jsib lit-Torka s-sewda, donnha farkizzana li għadda żmienha!

"Qed tara xi ġrali," qaltlu t-Torka, li minn issa 'l hemm ma baqgħetx stupida aktar, "ħallejtni għax-xemx u nħraqt!"

U l-prinċep emminha. Wara kollox, tfajla li tkun għaddiet min jaf kemm snin magħluqa ġo daqsxejn ta' Tronġa, ma

tistax tgħid mniex tkun tbati. Hekk kellu jkun! Bħala bin is-sultan ħass li ladarba kien taha kelmtu li se joħodha b'martu kellu jżomm il-wegħda tiegħu. Ġegħelha xxidd l-ilbies li kien ġabilha u telaq magħha lejn il-palazz ta' missieru.

Ċensina kienet irrakkontatilhom kollox bis-sabar u d-dettalji kollha, iżda issa kien jidher ċar li din l-aħħar biċċa tal-ħrafa kienet il-biċċa l-aktar għal qalbha. Damet għomor issemmi d-diżappunt kbir tas-sultan u ta' martu meta raw lil min ried jiżżewweġ binhom; u damet aktar tgħidilhom dwar il-festa kbira li ħejjew għal jum it-tieġ … għax Torka u mhux Torka, it-tieġ ta' bin sultan kien jeħtieġ isir bil-kbir. U kien proprju waqt il-festa tat-tieġ li l-qerq kollu nkixef. Dik il-ħamiema baqgħet iddur madwar il-prinċep (minkejja li t-Torka kull darba tgħidlu biex ikeċċiha) sa ma fl-aħħar marret strieħet fuq driegħu. Il-prinċep minnufih intebaħ bl-isplengun. U għaġeb tal-għeġubijiet malli neħħielha l-isplengun minn rasha, reġgħet tfaċċat dik ix-xbejba sabiħa li ħarġet minn ġot-Tronġa.

"Imsejkna xbejba," ħaseb Barbanġ, "ara kemm stħat meta sabet ruħha bla ħwejjeġ quddiem dawk in-nies kollha!"

Il-prinċep minnufih iżżewweġ lix-xbejba s-sabiħa u kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid … għall-għarajjes u mhux għat-Torka, li ħabta u sabta sabet ruħha arrestata, ikkundannata għall-mewt u … x'waħda din … (din l-aħħar biċċa Ċensina qalithielhom minn taħt l-ilsien, donnha kienet titkexkex tlissinha) …

"Wara li qatluha, qaxxruha u mill-ġilda tagħha għamlu ħasira!"

Dik il-lejla, fi triqithom lejn id-dar, Vira, Toninu u Barbanġ kellhom argument sħiħ; Toninu u Vira mimlijin ħeġġa jistqarru li qatt ma semgħu ħrafa isbaħ minn dik, waqt

li Barbanġ b'lista sħiħa ta' oġġezzjonijiet, kollha bil-ħsieb li juri kemm dak il-prinċep kien baħnan u kemm ma kienx jistħoqqlu jiżżewweġ lil dik ix-xbejba. Skont Barbanġ, tant kien prinċep bla moħħ li aktar kienet tgħodd għalih dik it-Torka s-sewda. L-aktar li ħaditha bi kbira kienet Vira, li ħasset qalbha tinħall wara dak il-prinċep qalbieni li għadda minn tant perikli biex sab it-tfajla ta' qalbu. Toninu sab ruħu fit-triq tan-nofs, jagħmilha ta' interpretu bejn oħtu u bejn Barbanġ. Fl-aħħar Barbanġ tilef sabru!

"Għalxejn naħli ħini magħkom," qalilhom b'mustaċċih imwaqqfa. "Għandkom raġun tirraġunaw hekk għax intom il-bnedmin jogħġobkom kollox. M'għandkomx il-ħila taraw fil-fond, tgħarblu u tistħarrġu kif nagħmlu aħna l-qtates. Mhux tort tagħkom sa barra, ladarba d-destin kien tant kiefer magħkom li ġabkom bnedmin. Intom bħax-xbejbiet tal-ħrafa: moħħkom dejjem magħluq ġo daqsxejn ta' tronġa u meta xi ħadd jipprova jaqsamha biex jagħtikom ċans toħorġu, tweġbuh biss: 'Għatx għatx … ġuħ, ġuħ …!' u ma tagħmlu xejn aktar!"

U telaq ilebbet quddiem b'denbu wieqaf dritt 'il fuq b'vittorja!

• • • •

Kien xi ġimagħtejn wara r-rakkont tal-ħrafa, li Vira sabet il-mogħdija msaħħra! Kull meta z-zija Lonza kienet tlesti xi biċċa xogħol tal-bizzilla, wara ġranet sħaħ milwija ganċ tissara maċ-ċombini, araha bis-sabar kollu taqlagħha minn fuq it-trajbu u tiftaħha beraħ ġo ħoġorha. Mument bħal dan kien rari ħafna … mument speċjali meta fuq wiċċ iz-zija Lonza kienet tfiġġ xi ħaġa tixbah kemxejn lil tbissima. Araha tmelles ħafif ħafif dak il-labirint ta' għoqiedi u tidwir

u kważi titħajjar tbandalha ġo ħoġorha bħallikieku kienet tarbija tat-twelid. Togħxa tħares lejha u tkompli tmissha ħelu ħelu b'dawk is-swaba' goffi tagħha, donnha tibża' li ma tmurx itebbagħha jew timmarkaha. U f'dak il-waqt it-trajbu kien jistrieħ għal ftit mit-tingiż tal-labar, u ċ-ċombini li jkunu għaddew ġimgħat sħaħ imdendlin minn għonqhom u mxenglin bla ħniena fuq il-forka, issa setgħu jimteddu għal ftit ġol-kenn tal-kannestru.

Iżda dan kien mument qasir. Minnufih iz-zija kienet tiġi f'tagħha. Twarrab malajr dik il-ħarsa stramba minn fuq wiċċha, u waqt li terġa' lura għat-trassis tax-xufftejn u t-tibriq tal-għajnejn, issejjaħ minnufih lil Vira biex tmur tieħu l-bizzilla għand Vitorin.

Din Vitorin kienet toqgħod fit-tarf l-ieħor tar-raħal. Kienet mara tan-negozju, tagħmilha ta' sensara, tixtri l-antikitajiet u tislef il-flus lin-nies. Barra minn hekk kienet tixtri l-bizzilla kollha li taħdem iz-zija Lonza, biex imbagħad tgħaqqadha ma' dvalji, ma' mkatar u ma' doilies u tbigħha fl-aqwa ħwienet tal-Belt. U b'hekk, il-bizzilla taz-zija Lonza maħduma ġol-bitħa ta' dik id-dwejra qadima, kienet ħabta u sabta ssib ruħha mferrxa mal-Ewropa kollha.

Vira kellha mixja ġmielha biex mid-dar tagħha tasal għand Vitorin u għalhekk iz-zija qatt ma kienet tibgħatha b'biċċa xogħol waħda; iżda x'aktarx kienet iġġemma' x-xogħol kollu ta' xahar sħiħ u tibgħatha b'qadja waħda. Iżda Vira xejn ma kienet tiddejjaq. Għax minbarra l-flus għaz-zija mgerbin sewwa ġo borża taz-zokkor, Vira kienet dejjem taqla' xi ħaġa tajba mingħand Vitorin. Daqqa biċċtejn ċikkulata, daqqa nofs tużżana ħawħ, daqqa borża mqaret, u meta ma jkollha xejn tajjeb x'tagħtiha Vitorin kienet iżżerżqilha mhux inqas minn nofs lira!

It-triq mid-dar għal għand Vitorin Vira kienet tafha

bl-amment. Għalhekk mhux ta' b'xejn li skantat u bdiet tħokk rasha meta lejla waħda, hija u sejra s'għandha b'qoffa mimlija bizzilla, Vira lemħet mogħdija ġor-raba' li qatt ma kienet ratha qabel.

"X'kull waħda wkoll!" bdiet ittella' u tniżżel Vira, "Imma kif jista' jkun li dil-mogħdija qatt ma ntbaħt biha?! Mela tassew għandha raġun il-Miss meta tgħidli li qisni skantata!"

Il-ħitan tat-triq kienu kollha tas-sejjieħ u dawk ta' man-naħa tal-mogħdija kienu għoljin ġmielhom, tant li Vira ma setgħetx tara x'kien hemm warajhom. Ħassitha bejn ħaltejn jekk għandhiex tgħaddi minn dik il-mogħdija biex tara għal fejn kienet tagħti. Iżda ħasset li aħjar ma tabbużax. Għalkemm kien ix-xahar ta' Mejju u l-ġurnata kienet twalet ġmielha, dakinhar l-ajru kien imċajpar u beżgħet li jekk ittawwal it-triq għandu mnejn jilħaq jidlam sa ma tasal lura d-dar.

"Minn hawn tqassar ħafna," semgħet lil xi ħadd jgħidilha. Dawret ħarsitha u sewwasew fid-daħla tal-mogħdija tilmaħ żewġ nisa xjuħ. Kienu donnhom qrawlha moħħha. Waħda kienet qasira u mbaċċa u l-oħra ftit itwal minnha u aktar magħluba. Vira ma ntebħitx mnejn kienu ġew dawk iż-żewġt ixjuħ. Ma kinitx ħassithom jersqu qrib tagħha.

"Inti mhux għand Vitorin trid tmur?" qaltilha l-ħoxna, "mela jaqbillek tgħaddi minn hawnhekk. Dil-mogħdija tieħdok preċiż fil-misraħ ta' wara d-dar tagħha."

Vira m'għarfitx x'taqbad tweġibha. Din kif kienet taf fejn riedet tmur? U stenna ftit! Lil dawk iż-żewġt ixjuħ donnha kienet tafhom. Waħda ħoxna u qsajra b'xuxa bajda qotna mifruqa min-nofs u l-oħra mgħaddma u niexfa b'xuxitha miġbuda f'toppu. Imma fejn kienet rathom qabel?!

"Inti m'intix ta' Lonza tal-bizzilla?" qabżet l-irqiqa.